MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Numru. 832/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Sean Ellul Sullivan ta' 41 sena, iben John u Rose Marie` nee` Ellul, imwieled il-Pieta`, fis-16 ta' Settembru, 1971, residenti Huntington Court, Flt 8, Triq Alfred Gauci, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita numru 441671M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzai migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f' Marzu 2013 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) li giet fdata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata jew kunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-dannu ta' Vella Falzon Project Life Limited (C56386) u/jew , id-diretturi Alexis Vella Falzon (ID544271M), Nikolai Vella Falzon (114474M), Karina Spiteri (ID72278M).

2. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, inganna, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) bi hsara ta' Vella Falzon Project Life Limited (C56386) u/jew , id-diretturi Alexis Vella Falzon (ID544271M), Nikolai Vella Falzon (114474M), Karina Spiteri (ID72278M).

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat hallas lil parte leza l-ammont kollu mehud indebitament.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a) u 17h tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tillibera lil hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni,.

Finalment il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-kawza jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------